MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 858/1997/1

**Maresco (Trading) Limited**

**v.**

**Martin Camilleri f'ismu proprio**
**u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta 3 You Design**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

Is-socjeta` appellanti wara li ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm1,150 rapprezentanti prezz ta' airconditioning units mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti u installati fuq ordni tal-konvenuti f'Roberts Pharmacy, Tower Road, Sliema, Vanessa Guest House, Ross Street, St. Julians, u ghand Charles Vassallo, Furniture Showroom, Gudja; illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluzi permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Awissu, 1996, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma' l-att tac-citazzjoni affidavit immarkat bhala Dok. A u ghalhekk talbet lill-ewwel Qorti sabiex:

(a) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti b'dispensa ta' smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

(b) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' LM1,150 rapprezentanti prezz ta' airconditioning units mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti u installati fuq ordni tal-konvenuti f'Roberts Pharmacy, Tower Road, Sliema, Vanessa Guest House, Ross Street, St. Julians, u ghand Charles Vassallo, Furniture Showroom, Gudja;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Awissu, 1996, imghax ta' Lm244 mid-data tal-konsenja tat-23 ta' Lulju, 1996 u bl-imghax legali ulterjuri sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti proprio et nomine.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa hekk:

(a) Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici kellhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi l-ammont kif mitlub mis-socjeta` attrici ta' elf mija u hamsin lira Maltija (LM1,150) ma kienux dovuti kollha izda biss sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650);

(b) Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma kienx dovut kollu peress illi l-konvenut li kien jahdem fuq bazi ta' commission mas-socjeta` attrici kien ipaci ammonti dovuti lilu bhala commission wara li kien jghaddi xoghol lis-socjeta` attrici;

(c) Illi l-ammont mitlub mhux dovut fl-intjier tieghu peress li s-socjeta` attrici naqset li tpaci mill-ammont pretiz commission dovuta lill-konvenut in konnessjoni ma' airconditioning units li nbieghu bis-sahha tal-konvenut, mis-socjeta` attrici lil-lukanda "Traveller's Lodge" gewwa San Pawl il-Bahar;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. Permezz ta' sentenza datata 14 ta' Jannar, 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fid-dawl tal-fatt li l-konvenut hallas fil-mori tal-kawza s-somma ta' sitt mija u hamsin lira (LM650), cahdet t-talba attrici, bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

4. Is-socjeta` Maresco (Trading) Limited hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza, u ghalhekk hija interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti ghall-fini tar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, u l-akkoljiment tat-talba taghha kif dedotta fl-att tac-citazzjoni.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Il-bazi ta' l-appell tas-socjeta` attrici, fi kliemha stess, gej minn dak li hija tiddeskrivi bhala "zball" u "skorrettezza" ta' l-ewwel Qorti "in kwantu illi din cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut (sic) meta waslet ghall-konkluzjoni taghha li l-ammont inferjuri allegatament dovut mis-socjeta` attrici appellanti lill-konvenut pro et nomine appellat ghandu jigi pacut ma' l-ammont mertu ta' din il-kawza, u dan meta l-istess appellat lanqas biss intavola kontro-talba jew kawza ohra ghall-istess pretiza." It-tieni aggravju, jekk jista' jissejjah tali billi huwa in parte ri-elaborazzjoni ta' l-ewwel aggravju,

huwa dak li filwaqt li f'ebda stadju ma kien hemm kontestazzjoni *ut sic* min-naha ta' l-appellat pro et nomine dwar is-sorte, il-konvenut pro et nomine ippretenda riduzzjoni minn dana l-ammont inkontestat in konnessjoni ma' negozju jew transazzjoni ghal kollox distinta, bla ma qatt pero` saret kontro-talba minnu f'dan is-sens.

6. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dritt, dak li qieghed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti huwa legalment zbaljat. F'materja ta' tpacija, il-ligi taghna (hekk ara l-Artikolu 1196 et. seq. tal-kap. 16) jistipula b'mod car u inekwivoku li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija. Mhux hekk biss, imma l-ligi tkompli tghid li t-tpacija ssir *ipso jure*, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs (ara senjatament l-Artikolu 1196(2) tal-Kap. 16).

Din it-tpacija ssir biss, fost ohrajn, bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus – kif jidher li hu l-kaz in ezami bhala stat ta' fatt – u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Ghalhekk meta s-socjeta` attrici tibqa' tinsisti ghan-necessita` ta' kontro-talba minflok semplici eccezzjoni formali bhal dik li giet issollevata mill-konvenuti, l-istess socjeta` qeghdha fl-izball u kwindi l-aggravju taghha taht dana l-aspett huwa infondat u qieghed jigi respint.

7. Naturlament, biex issehh tpacija kull ammont dovut mertu ta' konsiderazzjoni jrid ikun cert kif ukoll likwidu, jigifieri f'ammont determinat. Dwar l-ammont mitlub bhala sorte min-naha attrici ma jidhirx li bhala *quantum* kien hemm kontestazzjoni. Il-kwistjoni tqum, invece, fir-rigward ta' l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li l-konvenut irreklama minghand il-kontroparti attrici fuq bazi ta' "commission" dovuta in konnessjoni mal-bejgh ta' numru ta' apparat ta' l-arja kundizzjonata lil-lukanda "Traveller's Lodge" li tinsab gewwa San Pawl il-Bahar, liema negozju sar bl-intromissjoni tal-konvenut (skond kif ighid, l-istess konvenut appellat).

8. Peress li deher mill-ewwel li kwantu ghal dan it-tieni ammont kien hemm kontestazzjoini missielta, l-ewwel Qorti, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, dahhlet f'ezami mill-aktar minuzjuz tad-deposizzjonijiet moghtija. L-ewwel Qorti kellha l-kompitu li tistabilixxi jekk il-pretensjoni tal-konvenut, jigifieri dik li huwa kien kreditur fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500), kienetx fondata jew le. Trattandosi ta' zewg verzjonijiet totalment opposti ghal xulxin, hija kellha *in ultima analisi* taghzel dik il-verzjoni li dehrilha li kienet l-aktar wahda attendibbli. Fi kliem iehor, jekk il-Qorti kellha taccetta bhala veritjera il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti attrici, allura bilfors kellha tigi rigettata l-verzjoni tal-konvenut, u viceversa, jekk il-Qorti kellha invece taccetta bhala veritjera t-tezi tal-konvenut, allura kellha wkoll tirrespingi t-talba attrici kif dedotta u takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Din il-Qorti fliet is-sentenza appellata fid-dawl tal-provi akkwiziti u s-sottomissjonijiet li sarulha min-naha tal-partijiet u hija tikkondividi pjenament dak li gie kkostatat u deciz mill-ewwel Qorti. A skans ta' ripetizzjoni, ghalhekk, din il-Qorti qeghdha tannetti bhala appendici s-sentenza appellata biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza. L-uniku kumment li sejra zzid hu li, trattandosi hawn ta' rapporti kummercjali bejn zewg intraprizi li estendew fuq izjed minn progett wiehed, din il-Qorti sabitha ferm difficli biex tikkomprendi l-intransigenza assoluta da parti tas-socjeta` attrici, kif ukoll iz-zmien u l-okkazjonijiet li nhlew, fi sforz imqanzah biex tinstab soluzzjoni bonarja. Sfortunatament giet ippreferita t-triq tal-konfrontazzjoni bil-konsegwenza li wahda mill-partijiet, f'dan il-kaz il-parti attrici, ikollha tissokkombi ghal dan il-gudizzju li qieghed jirrespingi l-aggravji taghha kif dedotti.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici, b'dana li kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell ikunu interament a kariku tas-socjeta` attrici appellanti.

Deputat Registratur

df

## APPENDICI

Kopja shiha tas-sentenza moghtija fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar 2003, qeghdha tigi annessa ma’ din l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------